MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Rikors Numru. 82/2004/1

Rikors Nru 82/2004

Pauline Degabriele

Vs

Joseph Oliva

Il-Bord,

Ra r-rikors ipprezentat mir-rikorrenti fis-6 ta’ Ottubru, 2004 fejn esponiet:

Illi hija l-proprjetarja ta’ kantina immarkata bin-numru 34, St Paul’s Street, Valletta liema kantina hija mikrija lill-intimat versu l-kera ta’ erba’ u ghoxrin lira (Lm24) fis-sena.

Illi l-intimat kien kera din il-kantina sabiex fiha izomm tilari u karettur in konnessjoni man-negozju tieghu fuq il-monti.

Illi llum il-gurnata l-intimat ma ghadux jarma fuq il-monti u wella' l-permess tieghu lil terzi u ghalhekk m'ghadux jaghmel uzu mill-kantina ghall-iskop li ghalih giet mikrija lilu.

Illi fil-frattemp mhux qieghed jaghmel l-ebda uzu mill-imsemmija kantina u anzi qieghed ihalli din il-kantina fi stat ta' abbandun.

Illi minhabba f'dan qed issir hsara fiha.

Illi qabel ma istitwiet dawn il-proceduri l-esponenti interpellat lill-intimat sabiex jirritorna c-cwievet. Fir-risposta tieghu, filwaqt li l-intimat ammetta li m'ghandhux bzonn dan il-fond, qieghed jippretendi flus minghand l-esponenti (Dok A u B).

Illi ghalhekk jirrizuta li l-unika raguni ghalfejn l-intimat ghadu ma rrilaxxax ic-cwievet tal-fond in kwistjoni hija sabiex jipprova jakkwista somma flus ta' xejn minghand l-esponenti.
Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza lill-esponenti ma ggedditx aktar il-kera tal-kantina mmarkata bin-numru 34, St Paul's Street, Valletta u tordna r-ripreza tal-fond konsegwentement tordna l-izgumbrament ta' l-intimat mill-istess fond u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Ra li l-intimat ipprezenta r-risposta tieghu fl-1 ta' Frar, 2005 fejn espona:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda stante li huwa ghadu jaghmel uzu minn dan il-fond.

2. Illi din il-kawza saret inutilment stante li l-partijiet kienu qed jiddiskutu l-possibilta' ta' transazzjoni izda r-rikorrenti minflok tat risposta lill-mittenti dwar il-proposta tieghu intavolat din il-kawza.

3. Illi għalhekk l-intimat m'għandhux ibati l-ispejjez ta' din il-kawza.

Semgħa x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbal tad-29 ta' Marzu, 2006.

Ikkunsidra:

1. L-intimat kera mingħand missier ir-rikorrenti l-fond in kwistjoni mat-33 sena ilu. Ir-rikorrenti tgħid li l-intimat kien jarma fuq il-monti u fil-fond kien "ipoggi karettun u tilar biss għax il-hwejjeg kien ipoggihom post iehor".

2. Skond ix-xhieda tas-Surgent Mario Montesin l-intimat kellu post fuq il-monti mill-1989, thallas l-ahhar lill-pulizija fil-1999. Wara l-hlas tal-licenzji ma' baqax isir għand il-pulizija. Kellu permess "to sell Malta Souvenirs, ladies and gents, children outlet and outerwear, household goods, books, shoes and toys........" (fol 13).

3. L-intimat jammetti li waqaf mix-xogħol u telaq il-fond/kantina li wkoll fir-rikors jingħad li kien jintuza in konnessjoni man-negozju tiegħu.

4. Fl-ewwel kawzali jingħad li 'l-intimat m'għadux jarma fuq il-monti u wella l-permess tiegħu lil terzi u għalhekk m'għadux jagħmel uzu mill-kantina għall-iskop li għalih giet mikrija lilu'.

5. 'Ex admissis' l-intimat m'għadux juza l-fond u non uso jekwivali għal bdil ta' destinazzjoni li ggib magħha s-sanzjoni ta' l-izgumbrament.

6. Jidher li l-partijiet ippruvaw jaslu għal xi ftehim imma ma waslux. Il-Bord ma għandux x'jaqsam ma' dawn it-trattattivi.

7. Billi l-Bord ser jilqa’ t-talba fuq in-non uso m’hemmx htiega li jidhol fuq hwejjeg ohra.

Ghalhekk il-Bord jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzaha terga’ tiehu f’idejha l-fond/kantina mmarkata bin-numru 34, St Paul’s Street, Valletta; Ghal ghan ta’ tkeccija jaghti xahar zmien millum; l-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------